**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kompilazzjoni Numru: 62/2024**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**Vs.**

**Sebastian Chircop**

**Illum id-9 ta' Ġunju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi dedotti kontra Sebastian Chircop, ta' dsatax-il (19) sena, iben Oreste u Josephine xebba Mallia, imwieled il-Pietà nhar it-8 ta' Ġunju 2004, residenti 150, Triq Patri G. Spiteri Fremond, Qormi u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 0199804L.

*Akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnek, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:*

*Ġewwa Wied is-Sewda, Qormi u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer nhar it-18 ta' Ġunju 2023 għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00HRS) u/jew fis-siegħat ta' qabel:*

*1. Volontarjament ta n-nar lil għalqa ta' dwieli, qatgħa mħawla b'siġar, munzelli jew ġemgħa oħra ta' qmugħ, qoton jew prodott ieħor utili, jew materjal ieħor, ikun li jkun, sew jekk ikunu maqlugħa jew maħsuda kemm jekk ikunu għadhom imqabbdin mal-art, li ma kienux qegħdin b'mod li jistgħu iqabbdu n-nar lil bini, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-artikolu 316, fejn fil-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna;*

*2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli għad-detriment ta' Pierre Bugeja, Mary Bugeja u jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra fejn l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (€250).*

*Ġewwa Qormi/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer nhar id-19 ta' Ġunju 2023 għall-ħabta tal-ħamsa ta' wara nofsinhar (17:00HRS) u/jew fil-ġranet ta' qabel:*

*1. Volontarjament ta n-nar lil għalqa ta' dwieli, qatgħa mħawla b'siġar, munzelli jew ġemgħa oħra ta' qmugħ, qoton jew prodott ieħor utili, jew materjal ieħor, ikun li jkun, sew jekk ikunu maqlugħa jew maħsuda kemm jekk ikunu għadhom imqabbdin mal-art, li ma kienux qegħdin b'mod li jistgħu iqabbdu n-nar lil bini, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-artikolu 316, fejn fil-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna;*

*2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli għad-detriment ta' Neil Anthony Saliba u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra fejn l-ammont tal-ħsara ikun iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500).*

*Ġewwa Wied is-Sewda, Qormi/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer nhar it-22 ta' Ġunju 2023 u/jew fil-ġranet ta' qabel:*

*1. Volontarjament ta n-nar lil għalqa ta' dwieli, qatgħa mħawla b'siġar, munzelli jew ġemgħa oħra ta' qmugħ, qoton jew prodott ieħor utili, jew materjal ieħor, ikun li jkun, sew jekk ikunu maqlugħa jew maħsuda kemm jekk ikunu għadhom imqabbdin mal-art, li ma kienux qegħdin b'mod li jistgħu iqabbdu n-nar lil bini, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-artikolu 316, fejn fil-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna;*

*2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli għad-detriment ta' Max Fenech, Caroline Elmetni Debrincat, Maher Elmetni Debrincat, Caroline Bugeja u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra fejn l-ammont tal-ħsara ikun iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500).*

*Ġewwa Wied is-Sewda, Qormi u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer nhar id-29 ta' Ġunju 2023 u fil-ġimghat ta' qabel:*

*1. Volontarjament ta n-nar lil għalqa ta' dwieli, qatgħa mħawla b'siġar, munzelli jew ġemgħa oħra ta' qmugħ, qoton jew prodott ieħor utili, jew materjal ieħor, ikun li jkun, sew jekk ikunu maqlugħa jew maħsuda kemm jekk ikunu għadhom imqabbdin mal-art, li ma kienux qegħdin b'mod li jistgħu iqabbdu n-nar lil bini, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-artikolu 316, fejn fil-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna;*

*2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli għad-detriment ta' Antoine Vella, James Vella u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra fejn l-ammont tal-ħsara ikun iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500).*

*Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom sabiex:*

*i) Tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li tinsab ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom;*

ii) *Toħroġ ordni jew ordnijiet ta' protezzjoni kontra l-imputat u favur il-partijiet leżi ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-mori tal-kawża kif ukoll, kemm-il darba tinstab ħtija, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

iii) *Kemm-il darba tinstab ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A u l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens xieraq lill-parti jew partijiet leżi.*

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Marzu 2024 l-Uffiċjal Prosekutur qara u ikkonferma l-akkużi bil-ġurament.[1]

Rat illi matul l-eżami tal-imputat fl-udjenza tat-8 ta' Marzu 2024, ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.[2]

Rat illi l-Avukat Ġenerali nhar l-20 ta' Jannar 2025 ippreżenta formalment l-artikoli tal-ġudizzju ta' liema l-imputat għandu jiġi aġġudikat minn din il-Qorti u jinstab ħati u ċioe:

1. Fl-Artikoli 18, 319, u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 18, 319, u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 18, 319, u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 18, 319, u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikoli 15A, 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[3]

---

[1] Folio 4-5 tal-atti proċesswali
[2] Folio 8 tal-atti proċesswali
[3] Folio 162-163 tal-atti proċesswali

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Jannar 2025, din il-Qorti, wara li ġew moqrija l-istess artikoli tal-ġudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u l-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali u ikkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.[4]

Rat il-fedina penali tal-imputat datata 9 ta' Novembru 2023.[5]

Semgħet ix-xhieda kollha.

Rat illi l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha nhar it-12 ta' Diċembru 2024.[6]

Rat illi nhar it-23 ta' Jannar 2025 id-difiża iddikjarat li m'għandhiex provi xi tressaq f'dan il-każ.[7]

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati, ħadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw finalment fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2025.[8]

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.[9]

**Ikkunsidrat**

[4] Folio 164 tal-atti proċesswali
[5] Dok. JM7, Folio 41 tal-atti proċesswali
[6] Folio 134-135 tal-atti proċesswali
[7] Folio 164 tal-atti proċesswali
[8] Folio 166-175 tal-atti proċesswali
[9] Folio 165 tal-atti proċesswali

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-każ imur lura għall-perjodu ta' bejn it-18 ta' Ġunju 2023 u d-29 ta' Ġunju 2023 meta l-imputat allegatament ta n-nar f'diversi għelieqi fl-akwati ta' Wied is-Sewda, limiti Ħal Qormi. Dawn in-nirien ikkawżaw ħsarat estensivi lis-sidien ta' dak ir-raba.

Illi wara li saru diversi rapporti b'rabta ma' dawn in-nirien, mill-investigazzjonijiet tal-pulizija irriżulta li kien l-imputat li allegatament ta n-nar u kien għalhekk li inħarġu l-akkużi fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser tagħmel referenza għax-xiehda li instemgħet viva voce u għad-dokumenti saljenti li ġew preżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni.

Illi fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2024 id-difiża ippreżentat ċertifikat mediku maħruġ minn Dr. Joseph Vella Baldacchino dwar is-saħħa mentali tal-imputat.[10] Iċ-ċertifikat jaqra illi l-imputat qiegħed jirċievi l-kura minn Dr. Vella Baldacchino peress illi ibagħti minn *impulse control disorder*. Jaqra ukoll illi ġie notat progress fil-kundizzjoni tal-imputat wara li kien beda' jirċievi t-trattament.

Fl-istess seduta tat-8 ta' Marzu 2024 xehed l-**Ispettur James Mallia**[11] li qal li matul ix-xahar ta' Lulju 2023 kienu saru erba' rapporti mal-pulizija dwar ħruq ġo diversi għelieqi f'Wied is-Sewda, Ħal Qormi. Dawn ir-rapporti saru mis-sidien ta' dawn l-għelieqi. L-Ispettur ippreżenta s-segwenti:

[10] Dok. MF1, Folio 7 tal-atti proċesswali
[11] Folio 9-42 tal-atti proċesswali

I. Ir-rapport bin-numru 6/POL/3686/2023 li sar minn Neil Anthony Saliba;[12]

II. Ir-rapport bin-numru 6/POL/3928/2023 li sar minn James Vella u Antoine Vella;[13]

III. Ir-rapport bin-numru 6/POL/3762/2023 li sar minn Carmen Bugeja u Maher Elmetni Debrincat;[14]

IV. Ir-rapport bin-numru 6/POL/3664/2023 li sar minn Mary Bugeja u Pierre Bugeja;[15]

V. Filmat;[16]

VI. Stqarrija tal-imputat;[17]

VII. Fedina penali tal-imputat;[18] u,

VIII. Ċertifikat tat-twelid tal-imputat.[19]

Dwar il-filmat, l-Ispettur qal li dan kien ġie ippreżentat minn Anthony Saliba flimkien mar-rapport tiegħu. Qal illi l-filmat juri persuna bir-rota tqabbad in-nar u tibqa' fuq il-post tara n-nar jaqbad. Huwa qal li din il-persuna kienet ġiet identifikata bħala l-imputat Sebastian Chircop. Minn hemmhekk l-Ispettur nhar l-24 ta' Ottubru 2023 bagħat għall-imputat sabiex jiġi mitkellem fejn ingħata id-drittijiet tiegħu u irrilaxxja stqarrija. L-imputat ammetta li kien hu li ta n-nar fl-għelieqi meta qal *"ħassejt li qisni rrid inkompli nqabbad"*.[20] L-ispettur jispjega li mill-filmat jidher li l-għalqa kienet tinħadem u kienet għadha kif inħasdet xi ġranet qabel, il-ħaxix kien maqtugħ u dehru xi balal tat-tiben fil-bogħod. Kienu jidhru anke xi *pallets* tal-injam, u li kien propju dawn li ħadu n-

[12] Dok. JM1, Folio 17-19 tal-atti proċesswali
[13] Dok. JM2, Folio 20-22 tal-atti proċesswali
[14] Dok. JM3, Folio 23-26 tal-atti proċesswali
[15] Dok. JM4, Folio 27-35 tal-atti proċesswali
[16] Dok. JM5, Folio 37 tal-atti proċesswali
[17] Dok. JM6, Folio 36-39 tal-atti proċesswali
[18] Dok. JM7, Folio 41 tal-atti proċesswali
[19] Dok. JM8, Folio 42 tal-atti proċesswali
[20] Folio 12 tal-atti proċesswali

nar l-ewwel. L-Ispettur informa lill-Avukat Ġenerali bil-każ u sussegwentement inħarġu l-akkużi.

Fl-istess udjenza tat-8 ta' Marzu 2024 xehdet **PC 2173 Sarah Grech**[21] stazzjonata l-għassa ta' Ħal Qormi li qalet illi l-involviment tagħha kien li tħejji żewġt rapporti, wieħed bin-numru 6/POL/3664/2023 liema rapport kien magħmul fit-18 ta' Ġunju 2023 minn Pierre Bugeja dwar ħsarat fl-għalqa tiegħu ikkawżati minn nirien, u l-ieħor bin-numru 6/POL/3928/2023 liema rapport kien magħmul fit-30 ta' Ġunju 2023 minn Antoine Vella u James Vella dwar ħsarat fl-għalqa tagħhom. Ix-xhud tgħid illi l-għelieqi in kwistjoni jinsabu f'Wied is-Sewda f'Ħal Qormi.

Aktar tard fl-istess seduta tat-8 ta' Marzu 2024 xehed ukoll **Neil Anthony Saliba**[22] li qal illi sar jaf bin-nirien fl-għalqa tiegħu f'Ta' Farsina, Ħal Qormi mingħand zijuh li għandu garaxx fil-viċinanzi. Kien il-Ħadd filgħodu f'Jum il-Missier tas-sena 2023. Qal illi l-għalqa tiegħu li fiha disat itmiem kienet miżrugħa bil-magħlef taż-żwiemel, u meta mar fuq il-post sab ħafna ħsara. Kien tilef dak kollu li kien żera. Ix-xhud ippreżenta żewġt riċevuti tal-ħsara u spejjeż li jammontaw għal elfejn u tmienja u ħamsin Ewro (€2,058).[23] Qal illi kien hemm ammont ta' *pallets* li kienu maħruqin ukoll. Spjega illi fil-viċin tal-għalqa tiegħu hemm razzett li huwa mgħammar bil-kameras. Ġie estapolat il-filmat tagħhom li juri lill-imputat waqt il-kommissjoni tar-reat. Dan il-filmat ġie ippreżentat lill-pulizija.

Illi fis-seduta tat-18 ta' April 2024, fuq talba tad-difiża, xehed **Dr. Joseph Vella Baldacchino**[24] li ikkonferma li ċ-ċertifikat mediku datat 17 ta' Novembru 2023, ġia esibit mill-prosekuzzjoni,[25] kien irrilaxxjah hu. Qal li dak iż-żmien l-imputat

[21] Folio 43-46 tal-atti proċesswali
[22] Folio 47-56 tal-atti proċesswali
[23] Dok. NS1, Folio 55 tal-atti proċesswali, u, Dok. NS2, Folio 56 tal-atti proċesswali
[24] Folio 60-75 tal-atti proċesswali
[25] Dok. MF1, Folio 7 tal-atti proċesswali

kien taħt il-kura tiegħu u kien ilu fil-kura tiegħu għal madwar xahrejn. Spjega illi huwa ma kienx ra rekords mediċi tal-imputat iżda irriżultalu li huwa ibgħati minn diżordni mentali severa, l-*obsessive compulsive disorder*, li fil-każ tal-imputat tagħti lok għal diżordni oħra l-*impulse control disorder*. Jispjega illi tenut kont li imputat jikklassifika bħala *low IQ*, u allura jbagħti minn forma ta' diżabilità intellettwali, din id-diżordni tirrendih aktar f'pożizzjoni li jaġixxi impulsivament u titfgħu f'riskju li jxellef difrejh mal-ġustizzja. Dan aktar u aktar meta l-imputat għadu ta' età ferm tenera.

Ix-xhud spjega illi hu kien ġie ikkonsultat privatament minħabba "*issues tal-ħajja normali ta' kuljum*"[26] bħal problemi soċjali u eżistenzjali "*imma mhux minħabba l-każ tal-llum inġieb*"[27]. Spjega illi l-imputat kien ingħata l-kura u meta kien reġa' rah fid-data indikata fiċ-ċertifikat kien osserva li l-imputat kien mar għall-aħjar, u baqa' taħt il-kura tiegħu. Semma illi l-*Pyromania*, fost oħrajn, taqa' taħt il-kappa tad-diżordni tal-*impulse control disorder*.

Fuq suġġeriment tal-Qorti jekk jistax ikun li l-imputat jinsab għaddej minn problemi li ħafna miż-żagħżagħ tamparu jgħaddu minnhom u allura flok ibgħati minn diżordni mentali qiegħed jirribella fl-imġieba tiegħu, it-tabib wieġeb:

"***Ix-Xhud:*** *Imma naħseb mhux biss, mhux biss...*

***Il-Qorti:*** *Ok.*

***Ix-Xhud:*** *Għax kieku...*

***Il-Qorti:*** *But you know we resonate with...*

***Ix-Xhud:*** *Mhux biss. Hija xi ħaġa anzi jiena li nimpressjona u nammira illi dan minkejja d-diffikultajiet kollha...*

[26] Folio 66 tal-atti proċesswali
[27] Folio 66 tal-atti proċesswali

***Il-Qorti:*** *Eħe?*

***Ix-Xhud:*** *...individwali u anke xorta għandu dan ix-xewqat. Jixtieq. Hawn min, hawn min kif qed tgħid int Sinjura għandu kollox, ikun kapaċi anke bil-kwalifiki u ma jkun irid jagħmel xejn. So that's another issue. Hawnhekk għandna xi ħadd li jixtieq imma taf inti mbagħad ħa tara f'interview il-limitazzjonijiet tiegħu."*[28]

Fl-istess seduta tat-18 ta' April 2024 xehdet **PC 978 Naomi Camilleri**[29] stazzjonata l-għassa ta' Ħal Qormi li ikkonfermat li l-involviment tagħha kien li tħejji r-rapport bin-numru 6/POL/3686/2023.

Illi ukoll fl-udjenza tat-18 ta' April 2024 xehed **James Vella**[30] li qal illi qabel bdiet ix-xitwa tas-sena 2023 kien għamel rapport f'isem missieru Antoine Vella, li kien imsiefer dik il-ħabta. Ir-rapport kien sar peress illi kienet inħarqet l-għalqa li għandu ġewwa Wied is-Sewda, li jinsab bejn Ħal Qormi u Ħaż-Żebbuġ. Huwa qal illi r-rapport kien sar sabiex missieru ikun jista' japplika għas-sussidju. Ix-xhud stqarr illi missieru kien sar jaf bil-ħruq mingħand nies li għandhom l-għalqa biswit dik tiegħu. Qal illi ma kienx marx fuq il-post biex jara x'kien ġara.

Fl-udjenza tat-18 ta' April 2024 xehed **Antoine Vella**[31] li qal illi kien bagħat lill-ibnu James Vella sabiex jagħmel rapport f'ismu mal-pulizija minħabba li kienet inħarqet ir-raba li għandu f'Wied is-Sewda, Ħaż-Żebbuġ f'Ġunju tas-sena 2023. Qal illi dik il-ħabta kien imsiefer u kien ġie informah bin-nirien minn ċertu Pierre Bugeja, li kien anke bagħtlu xi ritratti. Ix-xhud qal illi ma kien sofra l-ebda ħsara peress li l-qamħ kien diġà inġabar.

---

[28] Folio 73 tal-atti proċesswali
[29] Folio 76-77 tal-atti proċesswali
[30] Folio 78-81 tal-atti proċesswali
[31] Folio 82-84 tal-atti proċesswali

Finalment fl-istess seduta tat-18 ta' April 2024 xehed **Pierre Bugeja**[32] li spjega illi fit-18 ta' Ġunju 2023 kien ċempillu bidwi jismu Victor jinformah bil-ħruq fir-raba tiegħu. Qal illi mar fuq il-post, fejn kienu għadhom ma waslux il-pumpiera, u seta' jara l-ħsara. Qal illi sofra ħsara kbira konsistenti f'telf ta' qamħ lest għal ħsad, qamħ ieħor ippakkjat, siġar tal-frott, żebbuġ u dwieli, u telf ta' sistema ta' irrigazzjoni għat-total ta' disa' mija u għoxrin Ewro (€920).[33] Ix-xhud ippreżenta ritratti li kien ħa hu stess minn fuq il-post.[34]

Illi fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2024 xehed **PC 1329 Kevin Schembri**[35] stazzjonat l-għassa ta' Ħal Qormi li qal illi waqt li kien xogħol nhar it-22 ta' Ġunju 2023 irrapportaw Caroline u Maher Elmetni Debrincat li kienu sabu l-għelieqi tagħhom f'Wied is-Sewda, Ħal Qormi maħruqin. Qal illi kien ingħata struzzjonijiet mis-Surġent 1573 sabiex imur fuq il-post flimkien ma' PC 2107 fejn kienu sabu aktar minn għalqa waħda maħruqa. Qal illi huma kienu investigaw ir-rapport u sabu bosta affarijiet maħruqa fl-għalqa tas-sinjuri Elmetni Debrincat, fosthom vettura li kienet iggaraxxjata hemm.

Fl-istess seduta tat-30 ta' Mejju 2024 xehed **PC 2107 Clint Borg**[36] stazzjonat l-għassa tal-Belt Valletta li qal illi lejn l-aħħar tas-sena 2023 kien tħalla *fixed point* ġo għalqa f'Ħal Qormi għassa ma' vettura li kienet ġiet maħruqa.

Fl-istess udjenza tat-30 ta' Mejju 2024 xehdet **Caroline Elmetni Debrincat**[37] li qalet illi fin-nofs tas-sena 2023 kienet għamlet rapport mal-pulizija dwar għalqa f'Wied is-Sewda f'Ħal Qormi li kienet ġiet maħruqa. Qalet illi l-aħħar li marret fuq il-post kien xi għoxrin ġurnata qabel, u kienet saret taf bil-ħruq meta marret

[32] Folio 85-106 tal-atti proċesswali
[33] Dok. PB2, Folio 97-99 tal-atti proċesswali
[34] Dok. PB1, Folio 91-96 tal-atti proċesswali
[35] Folio 110-111 tal-atti proċesswali
[36] Folio 112-113 tal-atti proċesswali
[37] Folio 114-115 tal-atti proċesswali

fuq il-post ma' żewġha biex jiġbru xi għodda li kellhom fl-għalqa. Bħala ħsara tgħid li tilfu karozza, *generator*, *scaffolding*, tavluni, u għodod oħra.

Aktar tard fl-istess udjenza tat-30 ta' Mejju xehed **Maher Elmetni Debrincat**[38] li qal illi f'nofs is-sena 2023 kien għamel rapport dwar ħruq fl-għalqa tal-kunjata tiegħu Carmen Bugeja li tinsab f'Wied is-Sewda, Ħal Qormi. Qal illi fuq il-post imur kull ħmistax jew kull għoxrin ġurnata, u meta reġa' mar flimkien ma' martu Caroline Debrincat sabu kollox maħruq. Fuq il-post kien hemm karozza b'oġġetti ġo fiha, *scaffolding*, tavluni, mutur li jaqta' s-siġar, u għodod oħra, li ġarrbu ħsara per kawża tan-nirien.

Illi fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2024 xehed **PC 163 Jake Camilleri**[39] stazzjonat Economic Crimes Unit, li ikkonferma li r-rapport bin-numru 6/POL/3762/2023 kien bdieh hu meta fit-22 ta' Ġunju waqt li hu kien xogħol l-għassa ta' Ħal Qormi daħlu żewġt individwi sabiex jirrapportaw ħruq fl-għalqa tagħhom u f'karozza li kellhom fuq il-post.

Illi fl-udjenza tat-12 ta' Diċembru 2024 xehdu konġuntivament **l-uffiċjal ċivili Matthew Galea** u **PS 1331 Darren Debattista**[40] li qalu li nhar it-22 ta' Ġunju 2023 ingħataw struzzjonijiet mill-Ispettur Mallia sabiex jassistuh rigward ħruq ta' vettura Mitsubishi Colt u kif ukoll ħruq ta' uċuh ta' raba. Huma marru fuq il-post f'Wied is-Sewda, Ħal Qormi fejn setgħu jaraw il-ħsara. Fuq il-post kien hemm Maher u Caroline Elmetni Debrincat. Minn fuq il-post elevaw xi oġġetti u laned tal-plastik ta' lewn blu sabiex isiru eżamijiet forensiċi fuqhom li irriżultaw fin-negattiv għall-aċċellerant. Ix-xhieda ippreżentataw ir-relazzjoni tagħhom li telenka ritratti u filmati meħuda permezz ta' *drone*.[41]

---

[38] Folio 116-117 tal-atti proċesswali
[39] Folio 121-122 tal-atti proċesswali
[40] Folio 136-160 tal-atti proċesswali
[41] Dok. MGDD1, Folio 142-160 tal-atti proċesswali

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija tal-Imputat**

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-istqarrija tal-imputat ittieħdet nhar l-24 ta' Ottubru 2023 fis-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00HRS), ġewwa l-uffiċċju tal-Ispettur James Mallia l-Għassa taż-Żebbuġ fil-preżenza ta' PS 477 u PC 85.[42]

Illi din l-istqarrija ittieħdet wara li l-imputat ingħata d-drittijiet kollha tiegħu dwar il-jedd li jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu qabel issirlu l-interrogazzjoni. L-imputat għażel li jikkonsulta mal-avukat Dr. Martin Fenech iżda għażel li ma jkunx preżenti waqt l-istqarrija.

L-imputat wieġeb għad-domandi kollha li sarulu u iffirma kull paġna tal-istqarrija tiegħu.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat ammetta illi n-nirien rapportati fl-għelieqi f'Wied is-Sewda, Ħal Qormi kien bdihom hu. Qal "*ġieni il-ħsieb biex nagħmel dawn l-affarijiet*"[43] ċioe "*li immur biex inqabbad l-għelieqi*"[44]. Sostna li ma kellux raġuni partikolari għalfejn għamel dak li kien għamel iżda qal "*moħħi ħaseb biex immur inqabbad*"[45]. Spjega illi n-nar kien bdieh b'*disposable lighter* fejn qabbad qamħ, ħaxix u *pallets* sabiex jaħraq l-għelieqi. Qal illi ma ħasibx dwar l-ispejjeż li seta' jikkawża lis-sidien tal-għelieqi u li ma ħassx pjaċir jara n-nar jaqbad. Mistoqsi dwar katnazz illi kien instab miksur f'għalqa partikolari, wieġeb li ma kienx hu li kissru. Finalment, l-imputat qal illi jiddispjaċih ta' dak li kien għamel.

**Ikkunsidrat**

---

[42] Dok. JM6, Folio 36-39 tal-atti proċesswali
[43] Folio 38 tal-atti proċesswali
[44] Folio 38 tal-atti proċesswali
[45] Folio 38 tal-atti proċesswali

**Trattazzjoni**

Illi l-prosekuzzjoni u d-difiża ittrattaw il-każ fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2025.[46]

Il-prosekuzzjoni issottomettiet illi l-imputat għandu jinstab ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u dan peress illi huwa ammetta fl-istqarrija u kif ukoll spjega li kellu l-intenzjoni li jqabbad in-nirien u jaħraq. Saret referenza għall-filmat u *stills* li ġew ppreżentati li juru lill-imputat waqt il-kommissjoni tar-reat. Skond il-prosekuzzjoni dawn jikkostitwixxu prova reali u tanġibbli tal-ħtija tal-imputat. Rigward il-ħsara l-prosekuzzjoni issottomettiet illi tressqu x-xhieda sidien l-għelieqi li ikkonfermaw il-ħsara li sofrew fl-għelieqi tagħhom.

Għar-rigward il-punt imqajjem dwar l-istat mentali tal-imputat waqt il-kommissjoni tar-reat, il-prosekuzzjoni saħqet illi d-difiża fl-ebda mument tal-proċeduri ma ikkontestat is-sanità mentali tal-imputat. Il-prosekuzzjoni spjegat illi kontestazzjoni f'dan is-sens trid bilfors issir skond il-proċedura speċjali taħt l-Artikolu 402 tal-Kodiċi Kriminali fejn f'dak il-każ jinħatru esperti mill-Qorti u jekk ikun il-każ jieqfu l-proċeduri.

Min-naħa tagħha d-difiża għamlet referenza għal dak li xehed Dr. Joseph Vella Baldacchino fejn qal illi l-imputat, li kien pazjent tiegħu, ibgħati minn *obsessive compulsive disorder*. Id-difiża argumentat illi għalhekk kien ħareġ illi ma kienx hemm il-*mens rea* neċessarja sabiex tinstab ħtija fl-imputat. Saret referenza ukoll għal fatt illi l-imputat għandu *low IQ* u li dan iqajjem punti dwar *diminished responsability*. Għal dawn ir-raġunijiet id-difiża issottomettiet illi l-imputat għandu jiġi liberat.

**Ikkunsidrat**

[46] Folio 166-174 tal-atti proċesswali

**Prinċipji Legali**

Illi l-Avukat Ġenerali fir-rinviju għall-ġudizzju jindika l-Artikolu 319 u 325 bħala dawk l-artikoli li bihom l-imputat għandu jinstab ħati.

**<u>Ħruq ta' Dwieli, eċċ – Artikolu 319 tal-Kapitolu 9</u>**

Illi l-Artikolu 319 tal-Kodiċi Kriminali jaqra hekk:

*"Kull min volontarjament jagħti n-nar lil għalqa ta' dwieli, qatgħa mħawla b'siġar, munzelli jew ġemgħa oħra ta' qmugħ, qoton jew prodott ieħor utili, jew materjal ieħor, ikun li jkun, sew jekk ikunu maqlugħa jew maħsuda kemm jekk ikunu għadhom imqabbdin mal-art, basta li ma jkunux qegħdin b'mod li jistgħu jqabbdu n-nar lil bini, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-artikolu 316, **<u>fejn fil-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna</u>**, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa erba' snin."* (sottolinear tal-Qorti)

**<u>Ħsara Volontarja – Artikolu 325 tal-Kapitolu 9</u>**

Illi l-imputat qed jiġi akkużat illi volontarjament ikkawża ħsara fuq il-proprjeta ta' ħaddieħor bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

*"325. (1) Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati -*

*(a) jekk l-ammont tal-ħsara ikun iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa erba' snin;*

*(b) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elfejn u ħames mitt euro (€2,500), iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250), il-piena ta' priġunerija minn tmien xhur sa erbatax il-xahar."*

Il-Qorti tagħmel referenza għal sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[47], fejn ġew elenkati l-metodi kif jista' jiġi determinat il-valur ta' ħsarat. F'dik is-sentenza ntqal hekk:

*"Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jingħad fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 325, biex tiġi determinata l-ħsara għall-finijiet ta' l-Artikolu 325(1) tal-Kodiċi Kriminali (moqri ma' l-Artikolu 335 ta' l-istess Kodiċi) din trid (i) jew tiġi apprezzata direttament mill-ġudikant, fis-sens li jekk il-ġudikant ikun jifhem biżżejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-ħsara billi jeżamina l-oġġett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leża tgħid kemm effettivament ħallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oġġett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jagħti l-fehma tiegħu dwar l-ammont tal-ħsara."*

**<u>Ir-Reat Kontinwat – Artikolu 18 tal-Kapitolu 9</u>**

Illi l-imputat ġie ukoll akkużat li ikkommetta reat kontinwat bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali:

*"Illi r-reat kontinwat huwa finzjoni legali kreata essenzjalment għall-benefiċċju ta' l-akkużat b'piena indeterminata li tiġi komminata biss bħala miżura esklussivament diskrezzjonali wara li jiġu ppruvati bħala punibbli oltre kull dubju raġonevoli ir-reati individwali komponenti tiegħu kif ukoll ippruvata l-eżistenza ta' riżoluzzjoni kriminuża waħda li tinkatena dawk ir-reati ma' xulxin. Din il-Qorti taqbel li fir-reat kontinwat innifsu ma jikkonkorrux dawk l-elementi essenzjali sabiex jista' jingħad li huwa reat b'eżistenza awtonoma. Invece huwa ċar li r-reat kontinwat, bħala finzjoni legali, huwa biss ċirkostanza ta' fatt illi, meta tiġi stabbilita, tinduċi eċċezzjoni għall-konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi."*[48]

---

[47] 24/2/2003
[48] **Il-Pulizija vs. Lorenzo sive Lorry Cuschieri**, 30/10/2001

**Ikkunsidrat**

**Provi Miġjuba**

Illi fortunatament din il-Qorti qiegħda f'pożizzjoni vantaġġuża sabiex tagħmel l-apprezzament tax-xhieda kollha miġjuba f'dan il-każ peress illi hija għexet il-proċess kollu u semgħet hi stess viva voce l-provi kollha.

Illi l-imputat jinsab akkużat bir-reat tal-ħruq doluż u ħsara volontarja meta allegatament huwa ta n-nar lir-raba li jinsab fiz-zona magħrufa bħala Wied is-Sewda, limiti ta' Ħal Qormi. Jirriżulta illi f'Ġunju 2023 saru erba' rapporti minn persuni li sofrew ħsara, konsistenti f'telf ta' balal tat-tiben, uċuħ tar-raba, siġar tal-frott, u, f'rapport partikolari, anke għodod u vettura li kienet tinsab iggaraxxjata f'għalqa minnhom.

Illi wieħed mill-kwerelanti ppreżenta filmat lill-pulizija meħud minn kameras li jinsabu fuq il-post. Dan il-filmat juri persuna bir-rota tagħti n-nar u tibqa' tħares lejn in-nirien. Minn dan il-pulizija setgħet tidentifika li l-persuna li kellha konnessjoni mal-istess nirien kien propju l-imputat, ta' dsatax-il sena. Minn hemm l-imputat kien ġie mitkellem mill-pulizija fejn ammetta fl-istqarrija tiegħu illi kien hu li ta n-nar fl-għelieqi f'Wied is-Sewda, Ħal Qormi. Waqt l-istqarrija l-imputat qal illi ma kellux xi raġuni partikolari l-għaliex ried jaħraq ir-raba. Infatti qal hekk: "*Le ma ħassejtx pjaċir, ħassejt qisni ridt inkompli inqabbad, biex nagħmel iktar ħruq. Kif ħaseb moħħi dak il-ħin.*"[49]

Illi l-istqarrija hija l-unika verżjoni li jagħti l-imputat dwar dak li seħħ stante li huwa għażel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri kontrih. Tali stqarrija ittieħdet madwar erba' xhur wara l-akkadut u allura ma tistax jitqies li ttieħdet *a tempo vergine*. Minkejja dan, il-Qorti tqis, in linea ma' ġurisprudenza dwar dan il-punt, illi l-istqarrija tiegħu għandha valur probatorju tenut kont li l-imputat ġie

[49] Folio 38 tal-atti proċesswali

offrut u saħansitra għażel li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni. Illi għalhekk din il-Qorti m'għandha l-ebda dubbju dwar il-fatti, u ċioe li l-imputat kien preżenti fuq il-post, qabbad in-nirien fl-għelieqi u ikkawża l-ħsara rapportata.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha rigward l-imputazzjonijiet per se, din il-Qorti ser tistħarreġ dwar dak li d-difiża qed tallega illi l-imputat, li huwa ta' età ferm tenera, huwa afflitt minn diżordni mentali severa, 'l hekk imsejjħa *impulse control disorder*, u għalhekk din il-Qorti trid teżamina il-kondizzjoni ta' saħħa mentali tiegħu fi żmien il-kummissjoni tar-reat.

Illi hawn hekk issir referenza għall-Artikolu 33(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid testwalment:

*"Kull persuna tkun eżenti minn responsabbiltà kriminali jekk fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas kienet fi stat ta' ġenn."*

Illi espożizzjoni eċċellenti tal-liġi in tema ta' demenza għall-finijiet tal-Artikolu 33(a) tal-Kodiċi Kriminali saret fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Anthony Schembri**[50] fejn saret referenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell (diversament komposta) fis-sentenza tagħha **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Norbert Schembri**[51]:

*"Kif inhu risaput, l-espressjoni "stat ta' ġenn" fil-paragrafu (a) ta' l-Artikolu 33 tal-Kodiċi Kriminali għandha sinjifikat legali li mhux neċessarjament jattalja ruħu ma' dak li fil-mediċina jew fil-psikjatrija jitqies bħala "ġenn". Kif jispjegaw l-awturi Jones u*

---

[50] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri), 4/3/2010
[51] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri), 25/9/2008

*Christie fil-ktieb tagħhom Criminal Law: 'It is important to emphasise at the outset that insanity is a purely legal concept. It is not a clinical term derived from psychiatry or psychology. Insanity is not synonymous with any medical conception of mental disorder.'*

*Fi kliem ieħor, persuna tista' tkun marida mentalment fil-mument li tkun għamlet l-att ta' kommissjoni jew ommissjoni li jammonta għall-element materjali tar-reat, iżda dan ma jfissirx neċessarjament li dik il-persuna kienet fi "stat ta' ġenn" għall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 33(a), ċioe tali li tkun eżenti minn responsabbiltà kriminali. Biex ikun hemm l-istat ta' ġenn li jeżenta mir-responsabbiltà kriminali jrid jirriżulta (imqar fuq bażi ta' probbabilità, meta d-demenza tkun ġiet eċċepit mill-akkużat jew imputat u allura l-piż ikun fuqu biex jipprova l-fatt li l-akkużat jew imputat kien qed ibati minn marda tal-moħħ li minħabba fiha, fil-mument tal-att ta' kommissjoni jew ommissjoni, huwa kien priv (i) jew mill-kapaċità li jifhem in-natura u l-kwalità ta' dak l-att li qed jagħmel, jew (ii) mill-kapaċità li jifhem li dak li qed jagħmel hu ħażin, jew (iii) mill-kapaċità li jagħżel jekk jagħmilx jew le dak l-att. Marda tal-moħħ – disease of the mind bl-Ingliż – mhux neċessarjament tkun patoloġija lokalizzata fil-moħħ – in the brain. Kif jispjega Lord Diplock fil-każ ta' Sullivan [1984] AC 156, u b'referenza għall-M'Naghten Rules – regoli, li wieħed m'għandux jinsa, jirreferu biss għall-kapaċità di intendere, mentri l-liġi tagħna tikkunsidra wkoll jekk kienx hemm il-kapaċità di volere:*

*'The nomenclature adopted by the medical profession may change from time to time… But the meaning of the expression 'disease of the mind' as the cause of 'a defect of reason' remains unchanged for the purpose of the application of the M'Naghten rules… 'Mind' in the M'Naghten rules is used in the ordinary sense of the mental faculties of reason, memory and understanding. If the effect of a disease is to impair these faculties so severely as to have either of the consequences referred to in the latter part of the rules, it matters not whether the aetiology of the impairment is organic, as in epilepsy, or functional, or whether the impairment itself is permanent or is transient and intermittent, provided that it subsisted at the time of commission of the act.'*

*U kif spjegat aktar fi Blackstone's Criminal Practice 2008:*

*'It can also be seen that to a large extent, whether something is a disease of the mind depends on the consequences it produces – impairment of the faculties of reason, memory and understanding. The disease certainly need not be one primarily located in the brain if it produces the relevant consequences there. Thus arteriosclerosis (hardening of the arteries) causing temporary loss of consciousness is a disease of the mind for these purposes even though it is of physical rather than mental origin…However not every cause of an impairment of these mental faculties is a disease of the mind. A disease is something internal to the accused and so: 'A malfunctioning of the mind of transitory effect caused by the application to the body of some external factor such as violence, drugs, including anaesthetics, alcohol and hypnotic influences cannot fairly be said to be due to disease' (per Lawton LJ in Quick QB 910 at p. 922, emphasis added).'*

*L-istess jista' jingħad fil-każ ta' dipendenza, anke waħda qawwija, fuq drogi – tali dipendenza fiha nnifisha ma tammontax għal marda tal-moħħ għall-finijiet ta l-Artikolu 33(a) imsemmi.*

*Biex din il-Qorti tikkonkludi fuq dan l-aspett ser tikkwota minn dak li wieħed isib fl-appunti tal-Professur Sir Anthony Mamo:*

*'The question [of insanity], when it arises, is one of fact: it has, that is to say, to be decided whether the defendant had a mental disease and, if so, whether it was of such a character and degree as to take away the capacity to know the nature of his act or to help doing it.'"*

Illi magħmula din l-espożizzjoni legali din il-Qorti għalhekk għandha l-kompitu tistħarreġ jekk l-imputat fil-ħin tal-kommissjoni tar-reat kienx inkapaċi "***di intendere e di volere***". Il-Qorti trid tikkunsidra jekk il-*mens rea* tal-imputat kienitx ippruvata mill-prosekuzzjoni u jeżistix l-element formali tar-reat.

Dwar dan, fuq talba tad-difiża, xehed it-tabib Dr. Joseph Vella Baldacchino li seta' jasal għad-dijanjosi tiegħu mill-aspett mediku (mhux dak legali) wara li kien segwa lill-imputat għal ċertu tul ta' żmien minn Settembru 2023. Dan ix-xhud ma kienx espert nominat mill-Qorti.

Illi t-tabib xehed f'April 2024 u ikkonferma li kien irrilaxxja ċertifikat mediku f'Novembru 2023, liema ċertifikat ġie esibit mid-difiża. It-tabib spjega illi l-imputat ibgħati minn *impulse control disorder* severa, li akkumpanjata ma' l-età tenera tiegħu u mal-fatt li għandu *IQ* baxx, tirrendih f'pożizzjoni li jxellef difrejh mal-ġustizzja. It-tabib spjega ukoll li l-*pyromania* taqa' taħt il-kappa tad-diżordni tal-*impulse control disorder*.

Illi d-difiża tikkontendi li abbażi ta' dawn il-fatti ma jirriżultax il-*mens rea* li l-imputat ried iwettaq dan ir-reat.

Il-Qorti tibda billi tosserva illi d-difiża f'ebda stadju ma ressqu xi talba li l-imputat m'huwiex kapaċi iwieġeb għall-akkużi dedotti kontra tiegħu jew li m'huwiex kapaċi isegwi l-proċeduri tal-Qorti jew li japplika għalihom l-Artikolu 33 tal-Kodiċi Kriminali. In fatti, f'dan il-każ jirriżulta illi fl-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti kif presjeduta kienet id-difiża stess illi wara li ippreżentat kopja taċ-ċertifikat mediku maħruġ minn Dr. Vella Baldacchino, idderiġiet lill-Qorti li tista' tagħmel l-eżami tal-imputat.

Il-kwistjoni għalhekk iddur dwar il-fatt jekk hemmx xi eskapulazzjoni ta' għemil in vista tal-fatt illi l-imputat ibati minn xi forma ta' diżabilità intellettwali.

Il-Qorti tagħmel referenza għall-każ **R vs. Atkinson**[52] fejn l-awturi Janet Dine u James Gobert fil-ktieb tagħhom **Cases and Materials on Criminal Law**[53] jgħidu:

[52] CCA, 1985, Crim LR 314
[53] *Cases and Materials on Criminal Law*, Fourth Edition, Oxford University Press, Oxford, 2003

*"The appellant, aged 18, together with other youths stole spirits which they drank and later burgled a house occupied by a 77-year-old woman, who disturbed them and shouted for help. The appellant threatened to kill her if she did not stop shouting, punched her in the back of the head and then beat her including stamping on her face and she died of a fractured skull. In February 1984 he was tried on a charge of murder. He did not give evidence and a defence of diminished responsibility was advanced. Medical evidence was that he had grossly arrested or retarded development of mind that alcohol had played a part in the events. The jury was directed to pose themselves the questions, first, whether they thought it more probable than not at the time of the killing his responsibility was substantially impaired by the fact that he was suffering from arrested or retarded development; and, if they thought that drink had something to do with it, secondly, whether that was the substantial cause, the root cause, of his inability to control himself at the time of the killing. He was convicted of murder."*[54]

Permezz ta' dan il-każ issir distinzjoni bejn *"abnormality of mind"* u *"insanity of mind"*. Filwaqt li jista' jemerġi evidenza medika ta' forma ta' *abnormaility of mind* dan ma jfissirx awtomatikament li jirrendi persuna mhux kapaċi terfa responsabiltà ta' għemilha jew tifhem jew tagħmel l-għażliet opportuni.

Illi fil-każ **R vs. Byrne**[55] kien ingħad mill-Imħallef Parker CJ:

*"'Abnormality of mind' which has to be contrasted with the time-honoured expression in the M'Naughten Rules 'defect of reason', means a state of mind so different from that of ordinary human beings that the reasonable man would term it abnormal. It appears to us to be wide enough to cover the mind's activities in all its aspects, not only the perception of physical acts and matters, and the ability to form a rational judgment as to whether an act is right or wrong, but also the ability to exercise will power to control physical acts in accordance with that rational judgment. The expression 'mental responsibility for his acts' points to a consideration of the extent to which the accused's*

---

[54] *Ibid.*, Ara Paġna 218
[55] CCA, 1960, 2 QB 396

*mind is answerable for his physical acts which must include a consideration of the extent of his ability to exercise will power to control his physical acts.*

*Whether the accused was at the time of the killing suffering from any 'abnormality of mind' in the broad sense which we have indicated above is a question for the jury. On this question medical evidence is no doubt of importance, but the jury are entitled to take into consideration all the evidence, including the acts or statements of the accused and his demeanour. They are not bound to accept the medical evidence if there is other material before them which, in their good judgment, conflicts with it and outweighs it."*

Illi di piu t-test użat sabiex jiġi determinat jekk jeżistix *abnormality of mind* huwa li irid ikun *substantially impaired*.

Il-Qorti tagħmel referenza għall-każ **R vs. Lloyd**[56] fejn ġie rilevat:

*"…your own common sense will tell you what it means. This far I will go. Substantial does not mean total, that is to say the mental responsibility need not be totally impaired, so to speak, destroyed altogether. At the other end of the scale substantial does not mean trivial or minimal. It is something in between and Parliament has left it to you… to say on the evidence: was the mental responsibility impaired, and, if so, was it substantially impaired?"*

Issa f'dan il-każ jirrizulta li mill-istqarrija tal-imputat, liema stqarrija qatt ma ġiet ikkontestata mid-difiża, illi l-imputat kien jaf sew x'qed jagħmel. Fil-fatt huwa qal: *"Ġieni il-ħsieb biex nagħmel dawn l-affarijiet. Li immur biex inqabbad l-għelieqi"*[57]. Spjega il-mod kif qabbad in-nirien u li ma kellux xi raġuni partikolari għalfejn għamel dak li kien għamel. Ifisser għalhekk illi l-imputat kien qed jifhem il-konsegwenzi tal-azzjonijiet tiegħu.

Illi anke fir-rigward tal-kwistjoni illi l-imputat għandu jibbenefika minn xi forma ta' *diminished responsibility* minħabba l-*IQ* baxx tiegħu, u li saħansitra ġie

[56] CCA, 1967, 1 Q.B. 175, 50 Cr. App. R. 61
[57] Folio 38 tal-atti proċesswali

allegat li huwa ma jifhimx sewwa sew dak li jkun qed jagħmel – konsegwenza tal-kapaċità intellettwali tiegħu – din il-Qorti tqis illi dak li tallega d-difiża ma jidħolx fil-parametri tal-Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti tagħmel ampja referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Omissis**[58] fejn ingħad hekk:

*"24. L-aħħar aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant isostni li l-każ tiegħu għandu jitqies bħala wieħed ta' diminished responsibility, li għandu japplika l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, u li l-piena għandha tkun waħda minima.*

*25. Meta l-ewwel Qorti ġiet biex tikkunsidra l-piena qalet:*

*"Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat fit-tul il-kundizzjoni mentali tal-imputat u f'dan ir-rigward straħet fuq dak li irriżultalha mir-rapport tal-esperti psikjatriċi minnha maħtura u qablet mal-konklużjonijiet tagħhom u kwindi ma jidhrilhiex li bniedem li ġie ritenut li jaġixxi b'mod impulsiv u mingħajr ma jaħseb dwar il-konsegwenzi ta' egħmilu jista' la jiġi eżonerat mir-responsabiltà kriminali għall-aġir tiegħu u l-anqas mill-konsegwenti piena stabbilita speċjalment meta wieħed jikkunsidra il-gravità tar-reati li tagħhom qed jinstab ħati u l-età żgħira u l-vulnerabilità tal-vittma. Il-Qorti sejra għalhekk timponi piena karċerarja effettiva iżda mhux fil-massimu u qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin li l-imputat jinżamm fil-Forensic Unit tal-isptar Monte Carmeli sabiex huwa jingħata l-kura meħtieġa għall-kundizzjoni li għandu."*

*26. Din il-Qorti wkoll ikkunsidrat ir-rapporti ta' l-esperti nominati mill-ewwel Qorti kif ukoll il-konstatazzjonijiet magħmula mix-xhieda prodotti mill-appellant. Filwaqt illi tapprezza x-xogħol kollu li sar u li qiegħed isir minn, fost oħrajn, il-psikjatra Dr Jean Pierre Giorgio ma' l-appellant, din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti.*

*27. L-appellant jirreferi għall-kunċett ta' diminished responsibility u jirreferi għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Awwissu, 1999*

[58] 22/3/2017, App. Nru: 405/2013

*fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Raymond Vella****. Minn dik is-sentenza jirriżulta li l-appellant f'dak il-każ instab li fil-mument ta' l-allegati reati kien ibati minn kondizzjoni kronika ta' manic depressive psychosis ta' entità tali li hu ma kienx jista' jikkontrolla l-impuls tiegħu, fis-sens li l-kapaċità tiegħu ta' għażla kienet serjament menomata. "Tali menomazzjoni serja tfisser li, minħabba marda tal-moħħ, l-appellat kien nieqes mill-libertà tal-għażla fl-aġir tiegħu. Dan jammonta għall-istat kontemplat mill-liġi fil-paragrafu (a) tal-Artikolu 33 tal-Kodiċi Kriminali, jiġifieri stat ta' ġenn."*

*28. Il-każ tal-lum huwa differenti. L-esperti psikjatri nominati mill-ewwel Qorti, kif diġà indikat supra f'paragrafu 18, sabu li ma jidhirx li [l-appellant] kien qed ibati minn mard ta' ġenn f'termini tal-liġi fil-ħin tal-allegat reat; li għalkemm jidher li jbati minn problema ta' impulsività u livell konjittivi fil-livell ta' borderline intelligence ma jidhirx li għandu problema biex jifhem o meno l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih; u li jifhem ukoll il-gravità o meno ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u jista' jirrispondi għalihom. Barra minn hekk mill-provi, u senjatament ix-xiehda tal-minuri, jidher li dak li għamel l-appellant lill-minuri kien ippjanat minnu. Hawn il-Qorti sejra tirriproduċi bran mix-xiehda tagħha li jirrispekkja proprju dan:*

*"Sejrin lejn id-dar, u qalli: 'Il-karozza bil-ħsara'. Għidtlu: 'X'għandha?', jiena. Qalli: 'Qed taraha din il-bozza?' Għidtlu: 'Ma nafx. Ma nifhimx jiena." Qalli: 'Ħa mmur sal-garaxx', qalli, 'inġib l-għodda.' Għidtlu: 'Għamel li trid' jiena hux. U morna l-garaxx Ħaż-Żabbar stess, u wasalna l-garaxx, u daħal bil-karozza ġol-garaxx b'kollox u għalaq il-bieb. Ġol-garaxx m'hemmx dawl, hemm qisu shaft u qisha mat, u jiġifieri bniedem tara d-dell tiegħu għax m'hemm xejn xejn dawl. U beda resaq, le, qalli: 'Inżel', qalli, 'għandi karozza sabiħa'. U jien jogħġbuni l-karozzi u qalli: 'Ejja arah ġewwa u ara kemm hu sabiħ'. U ġewwa kien vojt, Escort kien ... Xejn ma kien fih, body biss ta' barra. U qalli: 'Sabiħ, hux.' Imma għidtlu: 'Ġewwa ma fih xejn', jiena. U mbagħad qalli: 'Stenna naqra taf ħa nġib l-għodda'. U rajtu sejjer hekk. Għidt dan x'inhu jagħmel, jien qiegħed sejjer hekk, u neża' minn ... qaddu 'l isfel."*

*29. Filwaqt illi sa ċertu punt l-appellant jista' jitqies bħala persuna vulnerabbli, iċ-ċirkostanzi li fihom wettaq ir-reati li tagħhom instab ħati ma jwasslux lil din il-Qorti tikkunsidra l-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali."*[59]

Għalhekk l-Qorti m'hijiex konvinta li l-kapaċità tal-imputat li jagħżel jekk jagħmilx jew le l-att setgħet kienet mankanti, u konsegwentement tiddikjara li l-imputat mhux eżenti mir-responsabbiltà kriminali fil-ġurnata u l-ħin li twettaq ir-reati akkużat bihom.

**Ikkunsidrat**

Illi apparti minn dak kollu, ix-xhieda tat-tabib Dr. Vella Baldacchino kienet tqajjem dubbju ċar dwar l-istat mentali tal-imputat fil-mument tal-kommissjoni tar-reati li kieku ċ-ċertifikat tiegħu ġie rilaxxjat qabel il-kommissjoni tal-istess reati. Iżda l-Qorti tinnota illi l-imputat ġie mitkellem mill-pulizija dwar dan il-każ f'Ottubru 2023 u sussegwentement f'Novembru 2023 ġie rilaxxjat iċ-ċertifikat tat-tabib Dr. Vella Baldacchino. Minkejja dak li xehed it-tabib Dr. Vella Baldacchino li l-imputat kien diġà qiegħed jiġi segwit minnu u anke kien ingħata kura dwar l-allegata marda li huwa afflitt minnha, din il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq xhud li ma ġiex nominat minnha bħala espert sabiex jistħarreġ dwar l-istat mentali tal-imputat. Dana anke minħabba l-fatt li l-unika prova li għandha quddiemha l-Qorti, iċ-ċertifikat mediku, kien ġie rilaxxjat wara li l-imputat kien ġie mitkellem mill-pulizija.

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel Imputazzjoni**

[59] *Ibid.*, Ara Paġni 12-13

Il-Qorti issa ser tgħaddi issa sabiex tittratta dwar dak li jipprovdi l-Artikolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta li bħala rekwiżit essenzjali jirrikjedi li l-ħruq ta' dwieli, eċċ, jingħata *"fil-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna"*. Illi l-Qorti wara li fliet il-provi kollha jirriżulta li waqt il-kommissjoni tar-reati fl-għelieqi in kwistjoni ma kien hemm ħadd ieħor għajr l-imputat innifsu. Il-kwerelanti kollha u ċioe Neil Anthony Saliba, James Vella, Antoine Vella, Pierre Bugeja, Caroline Elmetni Debrincat, u Maher Elmetni Debrincat ikkonfermaw li ma kienux fuq il-post u li saru jafu bin-nirien mingħand ħaddieħor jew inkella marru fuq il-post wara l-akkadut u sabu l-ħsara. Fil-fatt, kif anke xehed l-Ispettur James Mallia, uħud mir-rapporti saru ġranet wara l-akkadut.

Il-Qorti għalhekk fid-dawl ta' dan kollu tasal għal konklużjoni illi għalkemm kien l-imputat illi beda' n-nirien fl-għelieqi f'Wied is-Sewda, Ħal Qormi, u dan fuq ammissjoni tiegħu stess magħmula fl-istqarrija rilaxxjata minnu, tqis illi m'hemmx dubju li l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu taħt l-Artikolu 319 u ċioe dik ta' ħruq doluż waqt li kien hemm persuna ġewwa ma tistax tirriżulta w b'hekk l-imputat għandu jiġi liberat minnha.

**Ikkunsidrat**

**It-Tieni Imputazzjoni**

Illi fir-rigward tal-akkużi miġjuba kontra l-imputat taħt l-Artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali, dwar ħsara volontarja l-Qorti trid tara jekk fil-fatt seħħitx din il-ħsara sabiex minn hemm tkun tista' tgħaddi sabiex issib ħtija *o meno* fl-imputat.

Illi l-imputat fl-istqarrija tiegħu ammetta illi kien hu li ikkawża l-ħsara rapportata. Spjega illi ta n-nirien fl-għelieqi ta' Wied is-Sewda, Ħal Qormi, u li ma ħasibx fil-konsegwenzi tal-azzjonijiet tiegħu. Per konsegwenza għalhekk

din il-Qorti sejra issib ħtija fl-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet bin-numru tnejn (2) dwar ħsara volontarja.

Illi quddiemha l-Qorti għandha erba' istanzi separati ta' ħsara volontarja taħt l-Artikolu 325, liema istanzi jirrikjedu li jiġu eżaminati mill-Qorti individwalment. Illi dwar il-quantum tal-ħsara d-difiża ma qajjmet l-ebda kontestazzjoni u kwindi din il-Qorti ser tistrieħ fuq il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni u fuq l-istimi esibiti.

Dwar l-ewwel istanza, ħsara għad-detriment ta' Pierre Bugeja u Mary Bugeja, il-Qorti rat illi xehed quddiemha Pierre Bugeja illi ippreżenta ritratti u spjega illi kien mar fuq il-post u ra l-ħsara konsistenti f'telf ta' qamħ lest għal ħsad, qamħ ieħor ippakkjat, siġar tal-frott, żebbuġ u dwieli, u telf ta' sistema ta' irrigazzjoni. Bugeja ippreżentata riċevuti u stima tal-ħsara għat-total ta' disa' mija u għoxrin Ewro (€920).[60] Għalhekk, il-Qorti tqis illi l-ħsara hija ipprovata.

Fit-tieni istanza, ħsara għad-detriment ta' Neil Anthony Saliba il-Qorti rat illi xehed Neil Anthony Saliba li spjega illi kien sar jaf bin-nirien mingħand zijuh li għandu garaxx fil-viċinanzi. Qal illi huwa mar fuq il-post u sab ħafna ħsara. Spjega illi l-għalqa tiegħu li fiha disat itmiem kienet miżrugħa bil-magħlef taż-żwiemel. Ix-xhud ippreżenta żewġt riċevuti tal-ħsara u spejjeż li jammontaw għal elfejn u tmienja u ħamsin Ewro (€2,058).[61] Għalhekk, il-Qorti tqis illi l-ħsara hija ipprovata.

Fit-tielet istanza għad-detriment ta' Max Fenech, Caroline Elmetni Debrincat, Maher Elmetni Debrincat, u Caroline Bugeja, il-Qorti reġgħet rat ix-xhieda tas-sinjuri Elmetni Debrincat li spjegaw li kienu għamlu rapport mal-pulizija dwar ħsara f'għalqa li għandhom f'Wied is-Sewda, Ħal Qormi li kienet ġiet maħruqa. Qalu illi marru fuq il-post madwar ħmistax wara l-akkadut u sabu ħsara li

[60] Dok. PB2, Folio 97-99 tal-atti proċesswali
[61] Dok. NS1, Folio 55 tal-atti proċesswali, u, Dok. NS2, Folio 56 tal-atti proċesswali

kienet tikkonsisti f'telf ta' karozza li kellha oġġetti ġo fiha, mutur li jaqta' s-siġar, *generator*, *scaffolding*, tavluni, u għodod oħra. Minkejja dan is-Sinjuri Elmetni Debrincat ma ressqux stimi jew riċevuti tal-ħsara.

Illi f'din l-istanza partikolari, minkejja li l-prosekuzzjoni ipprovat illi fil-fatt seħħet il-ħsara rapportata, il-Qorti ma tistax tgħaddi sabiex issib ħtija fl-imputat u lanqas tista' tordna kumpens tal-ħsara. Dan tenut kont tal-fatt illi l-ammont tal-ħsara ikkawżata ma tistax tiġi ikkwantifikata mill-Qorti stante illi l-ġudikant m'hijiex f'pożizzjoni illi tiddetermina hi stess l-ammont tal-ħsara billi jeżamina l-oġġett in kwistjoni. Lanqas ġie imqabbad perit mill-qorti biex jagħti l-fehma tiegħu dwar l-ammont tal-ħsara.

Fir-raba' istanza għad-detriment ta' Antoine Vella u James Vella, il-Qorti semgħet lix-xhud Antoine Vella, sid ir-raba, jiddikjara bil-ġurament quddiemha illi ma kienx sofra l-ebda ħsara peress illi l-qamħ għal dik is-sena kien diġà inġabar. Għalhekk il-Qorti mhux ser issib ħtija fl-imputat għal din l-istanza.

**Ikkunsidrat**

**Ir-Reat Kontinwat**

Illi fir-rigward tal-imputazzjoni dwar ir-reat kontinwat, il-Qorti hija tal-fehma illi din l-imputazzjoni ma tirriżulta bl-ebda mod mill-provi. Illi mill-istqarrija tal-imputat u anke mill-filmat ippreżentat fl-atti, jirrizulta illi minkejja illi saru diversi rapporti fi ġranet differenti, in-nirien seħħew f'ġurnata waħda u fl-istess ħin u ċioe fit-18 ta' Ġunju 2023. Għalhekk, din l-imputazzjoni ma tirriżultax u l-imputat ser jiġi liberat minnha.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi għall-finijiet ta' piena li għandha tiġi erogata fuq dikjarazzjoni ta' ħtija tal-imputat, il-Qorti qieset, b'żieda maċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, is-segwenti fatturi:

1. Fl-atti tinsab il-fedina penali tal-imputat aġġornata sad-9 ta' Novembru 2023.[62] Illi l-fedina penali hija netta.

2. Illi l-imputat huwa ta' età ferm tenera.

3. L-imputat ikkopera bis-sħiħ mal-Pulizija. Huwa irrilaxxja stqarrija u irrisponda għal kull mistoqsija li saritlu mingħajr ma ipprova jkun evażiv. L-imputat ammetta waqt l-istqarrija u għażel li jiffirma l-istess.[63]

4. Il-Qorti ikkunsidrat il-gravità tar-reat ta' ħsara volontarja li l-imputat qed jiġi misjub ħati tiegħu, liema reat iġorr miegħu il-piena ta' priġunerija minn tmien (8) xhur sa erbatax (14) il-xahar, stante illi l-ammont tal-ħsara ma tiskorrix l-€2,500 iżda hija iżjed minn €250.

5. Illi l-Artikolu 142(1) tal-*Criminal Justice Act* 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi ħames prinċipji li għandhom jiġu segwiti fl-impożizzjoni tal-piena u ċioe:

   "*(a) the punishment of offenders, (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence), (c) the reform and rehabilitation of offenders, (d) the protection of the public, and, (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence*".

6. Illi allura min hu imsejjaħ sabiex jiġġudika m'għandux iħares biss lejn l-interessi tal-persuna ikkundannata iżda għandu jara illi jħares l-interessi

[62] Dok. JM7, Folio 41 tal-atti proċesswali
[63] Dok. JM6, Folio 36-39 tal-atti proċesswali

tal-vittma jew vittmi tar-reat u tas-soċjetà in ġenerali billi jagħti dik il-piena li għandha sservi bħala kastig għal min jikkometti r-reat, li tara li twassal għat-tnaqqis tal-kommissjoni ta' reati oħra, li tista' twassal għar-riabilitazzjoni u r-riforma tal-ħati, li tagħti il-ħarsien meħtieġ lill-pubbliku u li l-ħati jagħmel riparazzjoni għal ħażin li jkun għamel.

7. Dwar dan il-punt il-Qorti tal-Appell Kriminali saħqet illi:

*"Il-piena m'għandiex isservi bħala xi forma ta' vendikazzjoni tas-soċjetá fil-konfront tal-ħati. Il-piena għandha diversi skopijiet. Wieħed minnhom huwa sabiex jiġi riprestinata t-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil kriminali ta' dak li jkun. Taħt dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet oħra, kemm ir-riżarċiment tad-dannu da parti tal-ħati kif ukoll ir-riforma tal-istess ħati. Skop ieħor tal-piena huwa dak li tiġi protetta s-soċjetà. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-każ ta' persuni li b'għemilhom juru li huma ta' minaċċja għas-soċjetà dawn jinżammu inkarċerati u għalhekk barra miċ-ċirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-każ ta' reati gravi, is-sentenza tibgħat messaġġ ċar li jservi ta' deterrent ġenerali. Il-Qrati ta' ġustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanċ ġust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena"*.[64]

Miżmumin fermi dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tqis illi filwaqt li l-aktar piena idonea hija waħda karċerarja, hemm raġunijiet tajbin u validi fiċ-ċirkostanzi sabiex tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex b'hekk tali piena karċerarja ma tkunx waħda effettiva.

**Decide**

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 15A, 17, 18, 31, 319, 325, 382A, 383, 384, 385, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt illi

[64] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef**, Qorti tal-Appell Kriminali, 28/11/2006

mhux qed issib ħtija dwar l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat, issib lil Sebastian Chircop **ħati** tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' **disa' xhur (9) priġunerija**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal **sentejn (2)**.

Il-Qorti spjegat l-import u obbligi naxxenti minn din is-sentenza lill-hati skont l-istess artikolu 28 tal-Kodici Kriminali.

In oltre, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 15A u 28H(2) tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-ħati iħallas fi żmien **sitt (6) xhur** mil-lum is-somma ta' elfejn u tmienja u ħamsin Ewro (**€2,058**) lil Neil Anthony Saliba, u kif ukoll is-somma ta' disa' mija u għoxrin Ewro (**€920**) lil Pierre Bugeja jew Mary Bugeja. Din l-ordni għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati esperti u/jew periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tapplika dak li jipprovdi l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Mogħtija illum nhar id-disa (9) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Maġistrat**

**Courtney Zahra**

**Deputat Reġistratur**